



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 16/21
il-Lussemburgu, 17 ta' Frar 2021

Sentenza fil-Kawża T-238/20
Ryanair DAC vs Il-Kummissjoni

L-iskema ta' garanziji għal self stabbilita mill-Isvezja bħala sostenn għall-kumpanniji tal-ajru li għandhom liċenzja ta' operat Svediża fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19 u intiża li ttrimejja d-disturb serju tal-ekonomija ta' dan l-Istat Membru hija konformi mad-dritt tal-Unjoni

L-iskema inkwistjoni hija preżunta li hija adottata fl-interess tal-Unjoni

F'April 2020, l-Isvezja kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea miżura ta' għajnuna fil-forma ta' skema ta' garanziji għal self intiża bħala sostenn għall-kumpanniji tal-ajru li għandhom liċenzja ta' operat Svediża ¹ fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19 (iktar 'il quddiem l-“iskema ta' garanziji għal self”). Din l-iskema hija intiża b'mod partikolari għall-kumpanniji tal-ajru li għandhom, fl-1 ta' Jannar 2020, liċenzja sabiex jeżerċitaw attivitajiet kummerċjali fil-qasam tal-avjazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-kumpanniji tal-ajru li joperaw titjiriet mhux skedati. L-ammont massimu tas-self iggarantit taħt din l-iskema huwa ta' 5 biljun krona Svediża (SEK), liema garanzija kellha tingħata sal-31 ta' Diċembru 2020 għal tul massimu ta' sitt snin.

Peress li qieset li l-iskema kkomunikata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni eżaminata fid-dawl tal-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2020, intitolata “Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 ².” Permezz ta' deċiżjoni tal-11 April 2020 ³, il-Kummissjoni ddikjarat l-iskema kkomunikata kompatibbli mas-suq intern konformement tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Skont din id-dispożizzjoni, l-għajnuna intiża sabiex ttrimejja disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

Il-kumpannija tal-ajru Ryanair ippreżentat rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li madankollu qed jiġi miċħud mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, hija teżamina, għall-ewwel darba, il-legalità ta' skema ta' għajnuna mill-Istat adottata sabiex tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19 fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE ⁴. Il-Qorti Ġenerali tispeċifika, barra minn hekk, ir-rabta bejn ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u, minn naħa, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 18(1) TFUE, kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' liberta' li jiġu pprovduti servizzi.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali twettaq, fl-ewwel lok, sħarriġ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fid-dawl tal-Artikolu 18(1) TFUE, li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni mwettqa fuq il-bażi tan-nazzjonalità fil-qasam tal-applikazzjoni tat-Trattati, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari li huma

¹ Liċenzja maħruġa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (ĠU 2008, L 293, p. 3).

² ĠU 2020, C 91 I, p. 1, emendata bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Emenda għall-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lil-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU 2020, C 112 I, p. 1).

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2366 finali tal-11 ta' April 2020, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56812 (2020/N) – L-Isvezja – skema ta' garanziji għal self lill-kumpanniji tal-ajru.

⁴ Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2021, Ryanair vs Il-Kummissjoni (T-259/20), il-Qorti Ġenerali eżaminat il-legalità fid-dawl tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE ta' skema ta' għajnuna mill-Istat adottata minn Franza sabiex tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19 fis-suq Franċiż tat-trasport bl-ajru.

jipprevedu. Issa, peress li l-Artikolu 107(3)(b) TFUE jinsab, skont il-Qorti Ġenerali, fost dawn id-dispożizzjonijiet partikolari, din tal-aħħar teżamina jekk l-iskema ta' garanziji għal self setgħatx tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonferma, minn naħa, li l-għan tal-iskema ta' garanziji għal self kien jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(3)(b) TFUE sa fejn **din hija effettivament intiża sabiex tirrimedja disturb serju tal-ekonomija Svediża kkawżat mill-pandemija tal-Covid-19, b'mod partikolari l-effetti negattivi sinjifikattivi ta' din tal-aħħar fuq is-settur tal-avjazzjoni fl-Isvezja** u, għaldaqstant, fuq is-servizz tal-ajru fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

Il-Qorti Ġenerali tikkonstata, min-naħa l-oħra, li l-limitazzjoni tal-iskema ta' garanziji għal self għall-kumpanniji tal-ajru li għandhom liċenzja Svediża **hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi rrimedjat id-disturb serju tal-ekonomija tal-Isvezja**. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li skont ir-Regolament Nru 1008/2008, iż-żamma ta' liċenzja Svediża hija riflessa, fil-prattika, fil-preżenza tal-post prinċipali tan-negozju tal-kumpanniji tal-ajru fit-territorju Svediż u fil-fatt li jkunu suġġetti għas-sorveljanza finanzjarja u ta' rispettabbiltà tal-awtoritajiet Svediżi. Skont il-Qorti Ġenerali, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament jistabbilixxu obbligi reċiproċi bejn il-kumpanniji tal-ajru li għandhom liċenzja Svediża u l-awtoritajiet Svediżi u, għalhekk, rabta speċifika u stabbli bejniethom li tissodisfa b'mod xieraq il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

Fir-rigward tan-natura proporzjonata tal-iskema ta' garanziji għal self, il-Qorti Ġenerali tenfasizza, barra minn hekk, li l-kumpanniji tal-ajru eliġibbli għall-iskema ta' għajjnuna huma dawk li jikkontribwixxu l-iktar għas-servizz regolari tal-Isvezja kemm fir-rigward tal-merkanzija kif ukoll tat-trasport tal-passiġġieri, li jikkorrispondu għall-għan li tiġi żgurata l-konnettività tal-Isvezja. L-estensjoni tal-imsemmija skema ta' għajjnuna għal kumpanniji mhux stabbiliti fl-Isvezja ma kinitx, għall-kuntrarju, tippermetti li jintlaħaq dan il-għan.

Fid-dawl tad-diversi sitwazzjonijiet inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali tikkonferma, barra minn hekk, li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta qieset li **l-iskema ta' għajjnuna inkwistjoni ma kinitx tmur lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex** mill-awtoritajiet Svediżi, li kien sar kruċjali, peress li, fi tmiem ix-xahar ta' Marzu 2020, dan l-Istat kien ikkonstata tnaqqis ta' madwar 93 % fit-traffiku tal-ajru ta' passiġġieri fit-tliet ajruporti prinċipali Svediżi.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li l-għan tal-iskema ta' garanziji għal self kien jissodisfa r-rekwiżiti tad-deroga prevista mill-Artikolu 107(3)(b) TFUE u li l-modalitajiet tal-għoti ta' din l-għajjnuna ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan. Għalhekk, l-imsemmija skema ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni pprojbita mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali teżamina d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tfakkar li din il-libertà fundamentali ma tapplikax bħala tali għall-qasam tat-trasport, li huwa suġġett għal sistema legali partikolari, li taħtha jaqa' r-regolament iċċitat li jistabbilixxi regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità. Issa, dan ir-regolament għandu preċiżament l-għan li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni, fis-settur tat-trasport bl-ajru, tal-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi. Madankollu, Ryanair ma kienet allegat l-ebda ksur tal-imsemmi regolament.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv li abbażi tiegħu l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha tal-ibbilanċjar tal-effetti benefiċi tal-għajjnuna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u fuq iż-żamma ta' kompetizzjoni mhux distorta. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva li tali bbilanċjar ma huwiex meħtieġ mill-Artikolu 107(3)(b) TFUE **sa fejn il-miżuri ta' għajjnuna adottati sabiex jirrimedjaw disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru, bħall-iskema ta' garanziji għal self inkwistjoni, ikunu, minħabba f'dan il-fatt, preżunti li ġew adottati fl-interess tal-Unjoni meta jkunu neċessarji, xierqa u proporzjonati**.

Il-Qorti Ġenerali tiċħad, fl-aħħar nett, bħala infondat il-motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tikkonstata li ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet proċedurali dderivati mill-Artikolu 108(2) TFUE.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106